**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-25 ta' Frar, 2016**

Talba Numru: 405/2015 AM3

Numru fuq il-Lista: 27

**GO plc – C22334**
**Fra Diego Marsa MRS 1501**

**vs**

**Michelle Cassar (ID 530576M)**
**68 Triq San Guzepp**
**Pieta**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ppreżentat fis-26 ta' Mejju, 2015 li permezz tieghu s-Socjeta` attrici talbet il-hlas t'elf mija u disa ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€1109.29c) liema ammont huwa dovut in konnessjoni ma' servizzi ta' kommunikazzjoni moghtija mis-Socjeta` attrici lill-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-avviz tat-talba u wkoll bl-avviz tas-seduta, huwa ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra x-xhieda permezz tal-affidavit ta' Charmaine Psaila Wiffen in rapprezentanza tas-Socjeta` attrici li kkonfermat bil-gurament li l-ammont ghadu dovut mill-konvenut fl-intier tieghu u d-dokumenti esebiti mal-avviz tat-talba.

Ra n-nota t'ammissjoni tal-intimata u t-talba taghha sabiex tali ammont jithallas permezz ta' pagamenti mensili ta' hamsa u sebghin ewro (€75) fix-xahar pagabbli kull hmistax (15) tax-xahar bl-ewwel pagament ikun fix-xahar ta' Marzu, 2016.

Ghaldaqstant, peress li t-talba tas-Socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' elf mija u disa` ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€1109.29c) bl-imghax legali kontra l-konvenuta sad-data tal-effettiv pagament u jordna li tali pagament isir mill-intimata permezz ta' pagamenti mensili ta' hamsa u sebghin ewro (€75) fix-xahar pagabbli kull hmistax (15) tax-xahar bl-ewwel pagament ikun fix-xahar ta' Marzu, 2016, b'dan li kemm-il darba l-intimata tonqos milli taghmel xi pagament fiz-zmien stipulat is-Socjeta` attrici jkollha d-dritt li tesigi li l-bilanc dovut jithallas kollhu fl-intier tieghu mill-intimata minnufih.

L-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 1679/14 huma a karigu tal-konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**